MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008

Numru. 582/2008

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Curtis Bakoush, iben Ali, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Lulju, 1989

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-22 ta’ Ġunju, 2008 għal habta tas-18.45, ġewwa Triq ir-Repubblika, Valletta –

1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn €1,164.69 imma aktar minn €116.47 għad-dannu ta’ Matias Camilleri, bħala sid il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IXL 100;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkometta serq ta’ stereo tal-marka Kenwood, liema ammont huwa

anqas minn €232.94 iżda aktar minn €23.29, aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Matias Camilleri;
3. talli fl-istess żmien laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi Curtis Bakoush assoċja ruħu ma Ivan Galea bil-għan li jagħmlu delitt;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi xjentement għen jew assista lil Ivan Galea, fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat;
6. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-14 ta' April, 2008 liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mħassra;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kiser il-kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati fil-21 ta' Jannar, 2008.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Awwissu, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u dak li jirrigwarda s-serq.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 48A, 261(b)(g), 263, 271(g), 2778(1)(2) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino li jressaq lil Curtis Bakoush għal program ta' riabilitazzjoni kontra d-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------